

32003D0241

5.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 89/17

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**  
**tas-26 ta' Marzu 2003**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE ta' l-31 ta' Mejju 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x'jaqşam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta' tniġġis (IPPC) (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)**

(innotifikata fid-dokument numru C(2003) 881)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/241/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta' tniġġis <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rapporti ta' standardizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni rigward l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/61/KE teħtieġ illi r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-effiċjenza tagħha pparagunata ma' l-istrumenti l-oħra Komunitarji dwar l-ambjent iridu jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 91/692/KEE.
- (2) L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 96/61/KE jipprovdi għall-integrazzjoni tar-rapport dwar l-informazzjoni rappreżentattiva disponibbli rigward il-valuri tal-limiti mar-rapport ġenerali ta' l-implimentazzjoni sa mis-sena 2003.
- (3) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/692/KEE jeħtieġ illi r-rapport jitfassal fuq il-bażi jew ta' kwestjonarju jew ta' deskrizzjoni fil-qosor abbozzata mill-Kummissjoni bil-ghajjnuna tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva.
- (4) L-ewwel rapport kopra l-perjodu taż-żmien mis-sena 2000 sas-sena 2002 inklużi.
- (5) It-tieni rapport irid ikopri l-perjodu taż-żmien mis-sena 2003 sas-sena 2005 inkluzi.

- (6) Il-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni espressi mill-Kumitat skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE hija emendata kif ġej:

Il-kwestjonarju mehmuż mad-Deċiżjoni 1999/391/KEE huwa hawnhekk mibdul bil-kwestjonarju ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jużaw dan il-kwestjonarju bħala bażi sabiex ifasslu r-rapport li jrid jiġi sottomess lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/692/KEE u l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/61/KE li jkopri l-perjodu taż-żmien mis-sena 2003 sas-sena 2005.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26.

<sup>(2)</sup> ĠU L 377, ta' l-31.12.1991 p. 48.

## L-ANNESS

**IL-KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 96/61/KEE LI JIRRIGWARDA  
L-PREVENZJONI U L-KONTROLL INTEGRATI TAT-TNIĠĠIŻ (L-IPPC)**

1. DESKRIZZJONI ĠENERALI
  - 1.1. **Liema huma l-bidliet prinċipali għal-leġislazzjoni nazzjonali u għas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji li kienu meħtieġa għalbiex tintlaħaq il-mira ġenerali dwar il-kisba tal-kontroll u l-prevenzjoni integrati tat-tniġġiż li nħolqu mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I mad-Direttiva?**
2. IL-KOPERTURA TA' L-ATTIVITAJIET U L-ISTALLAZZJONIJET
  - 2.1. **Għal kull waħda mis-subintestaturi fl-Anness ((1.1, 2.3(a), 6.4(b) ta' hawn taħt, kemm stallazzjonijiet jidħlu fil-kategoriji ddikjarati hawn taħt:**
    - l-installazzjonijiet kollha eżistenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(4), li kienu jaħdmu fit-tmiem tal-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ,
    - l-installazzjonijiet eżistenti li dwarhom kienet innotifikata bidla sostanzjali lill-awtorit kompetenti u li għalihom ġie konċess peremss matul il-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ,
    - l-installazzjonijiet il-ġodda (inklużi dawk li għadhom ma jitħaddmux) li għalihom kien konċess peremss matul il-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ.

Fit-tweġiba għal din il-mistoqsija, għandu jiġi nnotat illi l-istess stallazzjoni tista' twettaq attivitajiet li jidħlu taħt subintestaturi differenti. Għandhom jiġu indikati l-attivitajiet kollha rilevanti (saħansitra jekk dan iffisser illi l-installazzjoni tiġi magħduda iktar minn darba). Ġaladarba l-installazzjonijiet kimiċi jwettqu iktar minn attivit waħda kif iddefiniti fis-subintestaturi ta' l-intestatura 4, għandhom jingħataw biss iċ-ċifri ġenerali għall-intestatura 4 (jiġifieri, l-ebda ċifra għas-sottointestaturi individwali).

Tabella 1

**Il-kategoriji ta' l-attivitajiet li dwarhom għandu jiġi rrapportat in-numru totali ta' l-installazzjonijiet**

	L-Attivitajiet ta' l-Anness I
1.1.	L-installazzjonijiet tal-kombustjoni bl- <i>input</i> termali mogħti r-rata li jaqbeż il-50 MW
1.2.	Ir-raffineriji taż-żjut minerali u l-gassijiet
1.3.	Fl-fran tal-kokk
1.4.	L-impjanti li jibdlu l-faħam f'gassijiet u f'likwidu
2.1.	L-installazzjonijiet li jixwu jew jissinterizzaw il-metalli (inkluż il-metall sulfid)
2.2.	Stallazzjonijiet għall-produzzjoni tal-ħadid fondut jew ta' l-azzar (fużjoni primarja u sekondarja) inkluż it-tidwib kontinwu, b'kapaċit li taqbeż iż-2,5 tunnellati metriċi fis-siegħa
2.3(a)	Il-fabbriki li jirroljaw bis-sħana l-metalli tal-ħadid b'kapaċit ta' 20 tunnellata metrika ta' azzar krud kull siegħa
2.3(b)	Il-foroġ tal-metalli tal-ħadid b'mazez li l-enerġija tagħhom taqbeż il-50 kilojoule għal kull mazza, meta l-qawwa kalorifika wżata taqbeż il-20 MW
2.3(c)	L-applikazzjoni bil-metalli tal-ħadid ta' kisjiet protettivi iffużjonati <i>b'input</i> li jaqbeż iż-2 tunnellati metriċi ta' azzar krud kull siegħa
2.4.	Il-funderiji tal-metalli tal-ħadid b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-20 tunnellata metrika kuljum
2.5(a)	L-installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' metalli mhux tal-ħadid mill-metalli jew materji prima sekondarji bi proċessi metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi. L-Attivitajiet ta' l-Anness I

	L-Attivitajiet ta' l-Anness I
2.5(b)	L-istallazzjonijiet għat-tidwib, inkluż ix-xogħol ta' l-illiggi, tal-metalli mhux tal-ħadid, inklużi l-prodotti rkuprati, (ir-raffinazzjoni, il-għoti tal-forom tal-funderija, eċċ.) b'kapaċit tad-tidwib li taqbeż l-4 tunnellati metriċi kuljum għaċ-ċomb u l-kadmju u l-20 tunnellata metrika kuljum għall-metalli l-oħra kollha
2.6.	L-istallazzjonijiet għat-trattament fil-wiċċ tal-materjali metalliċi u plastiċi bl-użu ta' proċess elettrolitiku jew kimiku meta l-volum tal-btieti tat-trattament jaqbeż it-30m <sup>3</sup>
3.1.	L-istallazzjonijiet għall-produzzjoni tal-gagazza tas-siment fi fran iduru b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-500 tunnellata metrika kuljum jew il-ġir fi fran li jdiru b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata metrika kuljum jew fi fran oħra b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata metrika kuljum
3.2.	L-istallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' l-asbestos u l-fabbrikazzjoni ta' prodotti msejsa fuq l-asbestors
3.3.	L-istallazzjonijiet għall-fabbrikazzjoni tal-ħġieġ inklużi l-fibri tal-ħġieġ b'kapaċit ta' tidwib li taqbeż il-20 tunnellata metrika kuljum
3.4.	L-istallazzjonijiet għall-fabbrikazzjoni tas-sustanzi minerali inkluża l-produzzjoni tal-fibri tal-ħġieġ b'kapaċit ta' tidwib li taqbeż il-20 tunnellata metrika kuljum
3.5.	L-istallazzjonijiet għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti taċ-ċeramika bin-nar, b'mod partikolari l-madum tas-soqfa, il-bricks, il-bricks refrattorji, ix-xogħol tal-ġebel jew tal-porċellana, b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata metrika kuljum, u/jew kapaċit tal-forn li taqbeż l-4 m <sup>3</sup> u b'densit ssettjata għal kull forn li taqbeż it-300 kg/m <sup>3</sup>
4.	L-istallazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni tal-kimiċi bażiċi organiċi, kimiċi bażiċi inorganiċi, demel artifiċjali msejjes fuq il-fosfru, in-nitroġenu jew il-potassju (demel artifiċjali sempliċi jew kompost), il-prodotti u l-bijociodi bażiċi għas-saħħa tal-pjanti, splus-sivi, stallazzjonijiet li jużaw proċess kimiku jew bijoloġiku għall-produzzjoni tal-prodotti bażiċi farmaċewtiċi
5.1.	L-istallazzjonijiet għad-disponiment mill-iskart jew l-irkupru tiegħu kif iddefinit fil-lista riferita fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE, kif iddefinit fl-annessi IIA u IIB (l-operazzjonijiet R1, R5, R6 R8 u R9) mad-Direttiva 75/442/KEE u fid-direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar id-disponiment miż-żjut, b'kapaċit li taqbeż il-10 tunnellati metriċi kuljum
5.2.	L-istallazzjonijiet għall-inċinerazzjoni ta' l-iskart municiपालi kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 89/69/KEE tat-8 ta' Ġunju 1989 dwar il-prevenzjoni tat-tniġġiż ta' l-arja mill-impjanti municiपालi l-ġodda ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart b'kapaċit li taqbeż it-3 tunnellati metriċi kuljum
5.3.	L-istallazzjonijiet għad-disponiment mill-iskart mhux riskjuż kif iddefinit fl-Anness IIA mad-Direttiva 75/442/KEE taħt l-intestaturi D8 u D9 b'kapaċit li taqbeż il-50 tunnellata metrika kuljum.
5.4.	Il-barrieri miżbla li jirċievu iktar minn 10 tunnellati metriċi kuljum b'kapaċit totali li taqbeż il-25 000 tunnellata metrika, għajr il-barrieri miżbla ta' l-iskart inert
6.1(a)	L-impjanti industrijali għall-produzzjoni tal-polpa mill-injam tas-siġar jew ta' materjali fibrużi oħra;
6.1(b)	L-impjanti industrijali għall-produzzjoni tal-karta u tal-kartun/bordijiet b'kapaċit ta' produzzjoni li taqbeż il-20 tunnellata metrika kuljum.
6.2.	L-impjanti għat-trattament minn qabel (ħidmiet bħall-ħasil, il-għoti tal-bliċ, l-għoti tal-lostru lid-drappijiet) jew il-għoti tal-kulur lill-fibri jew lit-tessuti meta l-kapaċit tat-trattament taqbeż il-10 tunnellati metriċi kuljum
6.3.	L-impjanti għall-kunzar tal-ġlud iebes u l-ġlud rotob meta l-kapaċit tat-trattament taqbeż it-12-il tunnellata metrika kuljum

	L-Attivitajiet ta' l-Anness I
6.4(a)	Il-biċċeriji b'kapaċit tal-produzzjoni tal-karkassi ikbar minn 50 tunnellata metrika kuljum
6.4(b)	It-trattament u l-proċessar maħsuba għall-produzzjoni tal-prodotti ta' l-ikel minn: — il-materji prima mill-annimali (għajr il-ħalib) b'kapaċit tal-produzzjoni tal-prodott imlesti ikbar minn 75 tunnellata metrika kuljum — il-materji prima mill-ħxejjex b'kapaċit tal-produzzjoni tal-prodott imlesti ikbar minn 300 tunnellata metrika kuljum (valur medju fuq il-bażi ta' kwart tas-sena)
6.4(ċ)	It-trattament u l-proċessar tal-ħalib, bil-kwantit ta' ħalib irċevut tkun ikbar minn 200 tunnellata metrika kuljum (valur medju fuq il-bażi ta' kwart tas-sena)
6.5.	L-istallazzjonijiet għad-disponiment mill-karkassi ta' l-annimali u l-iskart ta' l-annimali jew ir-riċiklaġġ tagħhom b'kapaċit ta' trattament li jaqbeż il-10 tunnellati metriċi kuljum
6.6(a)	L-istallazzjonijiet għat- <i>tkabbir</i> tat-tjur b'mod intensiv b'iktar minn 40 000 post għat-tjur
6.6(b)	L-istallazzjonijiet għat- <i>tkabbir</i> tal-qżieq b'mod intensiv b'iktar minn 2 000 post għall-produzzjoni tal-qżieq (ta' iktar minn 30 kg)
6.6(ċ)	L-istallazzjonijiet għat- <i>tkabbir</i> tal-qżieq b'mod intensiv b'iktar minn 750 post għall- <i>ħnieżer nisa</i>
6.7.	L-istallazzjonijiet għat-trattament tal-wiċċ tas-sustanzi, l-oġġetti jew il-prodotti bl-użu tas-solventi organiċi, b'mod partikolari għat-tiżjin, l-istampar, il-kisi, it-tneħħija tax-xaħmijiet, is-sigurezza mid-dħul ta' l-ilma, il-għoti tad-daqs iż-żebgħa, it-tindif jew il-mili, b'kapaċit tal-konsum ta' iktar minn 150 kg fis-siegħa jew iktar minn 200 tunnellata metrika fis-sena
6.8.	L-istallazzjonijiet għall-produzzjoni tal-karbonju (faħam maħruq iebes) jew l-elettrografit permezz ta' l- <i>inċinerazzjoni</i> jew il- <i>grafitizzazzjoni</i>

2.2. **X'inhu n-numru totali ta' l-istallazzjonijiet ta' l-IPPC fit-tmiem tal-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ?**

Fit-tweġiba għal din il-mistoqsija, trid tingħata attenzjoni li ma tingħaddx l-istess stallazzjoni iktar minn darba, saħansitra jekk twettaq numru ta' attivitajiet ta' l-Anness I.

3. L-OBBLIGI BAŻIĊI TA' L-OPERATUR

3.1. **Liema miżuri ttieħdu sabiex jiġi pprovvdut illi l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-istallazzjonijiet jitħaddmu skond il-prinċipji ġenerali ddikjarati fl-Artikolu 3?**

4. L-ISTALLAZZJONIJIET EŻISTENTI

4.1. **Liema miżuri jew pjani amministrattivi li jorbtu legalment ġew stabbiliti għalbiex jiżguraw illi jitħarsu l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 5(1) sat-tmiem tal-perjodu transitorju taż-żmien imsemmi fih?**

5. L-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-PERMESSI

5.1. **Kif il-liġijiet nazzjonali jiżguraw illi l-applikazzjonijiet għall-permessi jkun fihom it-tagħrif kollu meħtieġ bl-Artikolu 6?**

6. IL-KORDINAMENT TAL-PROĊEDURA U L-KONDIZZJONIJIET TAL-GĦOTI TAL-PERMESSI

6.1. **Liema awtorit jew awtoritajiet kompetenti huma involuti fil-permessi ta' l-istallazzjonijiet ta' l-IPPC?**

6.2. **Kif il-liġijiet nazzjonali jiżguraw illi l-proċedura li tippermetti u l-kondizzjonijiet tal-għoti tal-permess huma kkoordinati bis-sħiħ meta jkunu involuti iktar minn awtorit kompetenti waħda? Kif jaħdem dan il-kordinament fil-prattika?**

## 7. IL-KONDIZZJONIJET TAL-PERMESSI

7.1. **Il-kompletezza tal-kondizzjonijiet tal-permessi**

7.1.1. Kif il-liġijiet nazzjonali jiżguraw illi l-permess ikun fih il-ħtiġiet kollha speċifikati fl-Artikolu 9? B'mod partikolari, aghthi d-dettalji kif jiġi ppruvvudut għalihom kull wieħed mill-oġġetti li ġejjin:

- il-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet lejn l-arja u l-ilma,
- il-minimizzazzjoni tat-tniġġiż fuq distanzi twal jew li jaqsam il-fruntieri
- il-protezzjoni tal-hanrija u ta' l-ilma tal-qiegħ,
- il-ġestjoni ta' l-iskart,
- l-użu effiċjenti ta' l-enerġija,
- il-ħtiġiet tal-monitoraġġ tar-rilaxx,
- il-prevenzjoni ta' l-inċidenti u l-limitazzjoni tal-konsegwenzi tagħhom,
- il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijiet anormali tal-ħidma,
- ir-ristorazzjoni tas-sit mal-waqfien definittiv ta' l-attivajiet (il-ħtieġa għall-“istat sodisfaċenti”).
- id-dispożizzjonijiet speċjali għall-istallazzjonijiet taħt is-subintestatura 6.6 ta' l-Anness I.

7.2. **Kemm ikunu approprijati u adegwati l-kondizzjonijiet tal-permessi**

- 7.2.1. Liema huma d-dispożizzjonijiet leġislattivi, il-proċeduri u l-kriterji għalbiex jiġu ffixxati l-valuri tal-limiti u l-kondizzjonijiet l-oħra fil-permessi, sabiex jiġi żgurat illi jwasslu għal livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent kollu? Inħarġu xi linji gwida speċifiċi lill-awtoritajiet kompetenti? Jekk iva, ipprovdni t-tagħrif dwar it-tip ta' linji gwida maħruġa.
- 7.2.2. Liema kwalit ta' gwida (li torbot jew li ma torbotx) teżisti fl-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli?
- 7.2.3. Kif, f'termini ġenerali, jitqies it-tagħrif ippubblikat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(2) jew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali jew f'każijiet speċifiċi meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-aħjar metpdi tat-teknika disponibbli?
- 7.2.4. Bħala sors tat-tagħrif sabiex jiġu stabbiliti l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet, il-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi bbażati fuq l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli, kemm huwa meħtieġ it-tagħrif ippubblikat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(2)? Kif jista' jittejjeb?
- 7.2.5. Liema miżuri tteħdu għalbiex jiġi żgurat illi l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet u l-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi riferiti fl-Artikolu 9(3) huma msejsa fuq l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli, mingħajr ma jiġi stabbilit l-użu ta' l-ebda wieħed mill-metodi tat-teknika jew teknoloġija speċifika, imma filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tekniċi, il-lokazzjoni ġeografika tagħha, u l-kondizzjonijiet lokali ta' l-ambjent?
- 7.2.6. Liema kwalit ta' gwida (li torbot jew li ma torbotx) teżisti fl-Istati Membri li tirrigwarda r-rilaxx tal-ħtiġiet tal-monitoraġġ li jridu jiġu inklużi fil-permess?
- 7.2.7. X'inhil l-esperjenza tiegħek fejn jirrigwarda l-*interface* bejn il-ħtiġiet tal-permess taħt id-Direttiva dwar l-IPPC u d-Direttiva li tistabbilixxi skema għall-kummerċjalizzazzjoni tat-tħollija ta' l-emissjoni tal-gassijiet tas-serra globali ġewwa l-Komunit u li tiġi emendata d-Direttiva 96/61/KE?

*Nota:* L-Istati Membri mhumiex meħtieġa li jagħtu tweġiba għal din il-mistoqsija jekk l-iskema tal-kummerċjalizzazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet tas-serra globali ma tkunx għadha bdiet sa l-1 ta' Jannar 2005 kif ippjanat.

7.3. **L-informazzjoni rapreżentattiva disponibbli**

7.3.1. Ipprovdni l-informazzjoni rapreżentattiva disponibbli dwar il-valuri tal-limiti stabbiliti skond kategoriji speċifiċi ta' l-attivajiet skond l-Anness I u, jekk approprijat, l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli li minnhom huma dderivati dawn il-valuri. Iddekrivi kif din l-informazzjoni ġiet magħżula u miġbura.

Il-Kummissjoni tista', qabel jew matul il-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ, tissuġġerixxi gwida dwar kif titwieġeb din il-mistoqsija.

- 7.3.2. Liema tipi ta' kondizzjonijiet tal-permessi ġew iffissati għajr il-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet? B'mod partikolari, aġti eżempji ta':
- il-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi li jissupplimentaw il-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet iffissati fil-permess,
  - il-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi li jieħdu l-post tal-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet,
  - il-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-qiegħ, il-ġestjoni ta' l-iskart, l-użu effiċjenti ta' l-enerġija, il-ħtiġiet tal-monitoraġġ tar-rilaxx, il-prevenzjoni ta' l-inċidenti u l-limitazzjoni tal-konsegwenzi tagħhom, il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijiet anormali tal-ħidma u r-ristorazzjoni tas-sit mal-waqfien definittiv ta' l-attivitajiet,
  - il-kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-ġestjoni ta' l-ambjent.
8. IR-REGOLI ĠENERALI LI JORBTU
- 8.1. **Fihom il-liġijiet nazzjonali l-possibbilt li jstabilixxu ċerti ħtiġiet għal ċerti kategoriji ta' stallazzjonijiet f'regoli ġenerali li jorbtu minflok li jiġu inklużi fil-kondizzjonijiet tal-permessi individwali?**
- 8.2. **Għal liema kategoriji ta' stallazzjonijiet ġew stabbiliti regoli ġenerali li jorbtu? Liema għamla jieħdu dawn ir-regoli?**
9. L-I STANDARDS AMBJENTALI TA' KWALITÀ
- 9.1. **Kif tindirizza l-liġijiet nazzjonali l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali fil-każijiet meta ma jkunx biżżejjed l-użu ta' l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli sabiex jissodisfaw l-i *standard* ambjentali tal-kwalit iddikjarat fil-leġislazzjoni Komunitarja jew iddefinit skondha?**
- 9.2. **Inħolqu każijiet bħal dawn? Jekk iva, aġti eżempji tal-miżuri addizzjonali.**
10. L-IŻVILUPPI FL-AĦJAR METODI TAT-TEKNIKA DISPONIBBLI
- 10.1. **X'passi ttieħdu sabiex jiġi żgurat illi l-awtoritajiet kompetenti jsewgu l-iżviluppi fl-aħjar metodi tat-teknika disponibbli jew jiġu mgħarrfa bihom?**
11. IL-BIDLJET LILL-ISTALLAZZJONIJIET
- 11.1. **Liema huma d-dispożizzjonijiet leġislattivi, il-proċeduri u l-prattika li ġew magħmula mill-operaturi għalbiex jittrattaw il-bidliet lill-istallazzjonijiet?**
- 11.2. **Kif jiddeċiedu l-awtoritajiet kompetenti jekk bidla fil-ħidma jstax ikollha konsegwenzi għall-ambjent (l-Artikolu 2(10)(a)), u/jew jekk din il-bidla jstax ikollha effetti negattivi sinifikanti fuq il-bniedem jew fuq l-ambjent (l-Artikolu 2(10)(b))?**
12. IL-KONSIDERAZZJONI MILL-ĠDID U L-AĠĠORNAMENT TAL-KONDIZZJONIJIET TAL-PERMESSI
- 12.1. **Liema huma d-dispożizzjonijiet leġislattivi, il-proċeduri u l-prattika li jirrigwardaw il-konsiderazzjoni mill-ġdid u l-aġġornament tal-kondizzjonijiet tal-permessi mill-awtorit kompetenti?**
- 12.2. **Hija l-frekwenza tal-konsiderazzjoni mill-ġdid u, meta meħtieġ, l-aġġornament tal-kondizzjonijiet tal-permessi speċifikati fil-liġijiet nazzjonali, jew din hija stabbilita b'mezzi oħra?**
13. IL-KONFORMITÀ MAL-KONDIZZJONIJIET TAL-PERMESSI
- 13.1. **Iddeskrivi f'termini ġenerali d-dispożizzjonijiet leġislattivi, il-proċeduri u l-prattika sabiex tiġi żgurata l-konformit mal-ħtiġiet tal-permessi.**
- 13.2. **Liema dispożizzjonijiet leġislattivi, proċeduri u Prattika jiżguraw illi l-operaturi jgħarrfu b'mod regolari lill-awtoritajiet bir-riżultati tal-monitoraġġ tar-rilaxx, u mingħajr dewmien dwar kull inċident jew aċċident li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ambjent?**
- 13.3. **Kif il-liġijiet nazzjonali jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti d-dritt u/jew l-obbligu li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post?**

- 13.4. **Liema huma l-proċeduri u l-prattika li jirrigwardaw l-ispezzjonijiet regolari fuq il-post mill-awtoritajiet kompetenti? Jekk ma jitwettqux spezzjonijiet fuq il-post b'mod regolari, kif jivverifikaw it-tagħrif ipprovvdu mill-operatur l-awtoritajiet kompetenti?**
- 13.5. **X'sanzjonijiet jew miżuri oħra huma disponibbli fil-każijiet meta ma jitħarsux il-kondizzjonijiet tal-permessi? Kienu applikati dawn is-sanzjonijiet jew miżuri oħra matul il-perjodu taż-żmien tar-rappurtaġġ? (Jekk disponibbli, indika l-istatistka approprijata, per eżempju bl-użu ta' mudell mogħti f'dokument ta' gwida għar-rappurtaġġ skond ir-rakkommandazzjoni li tipprovi għall-kriterji minimi għall-ispezzjonijiet ambjentali mill-Istati Membri.)**
14. **IT-TAGĦRIF U L-PARTEĊIPAZZJONI TAL-PUBBLIKU**
- 14.1. **Kif jipprovdur l-liġijiet nazzjonali għat-tagħrif u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċedura tal-permessi? Liema huma l-bidliet prinċipali għal-leġislazzjoni nazzjonali u għas-sistema tal-għoti tal-liċenzji li kienu meħtieġa sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet addizzjonali imdaħħla permezz ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovi għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temeda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE?**
- Nota:* L-Istati Membri mhumiex meħtieġa li jagħtu tweġiba għal din il-mistoqsija jekk id-Direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku tidħol fis-seħħ iktar tard mill-1 ta' Lulju 2005.
- 14.2. **Kif jintgħamlu disponibbli għall-pubbliku t-tagħrif dwar l-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet u r-riżultati tal-monitoraġġ tar-rilaxx? Safejn u sakemm tiġi wżata l-Internet għal dan il-għan?**
- 14.3. **X'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat illi l-pubbliku huwa konxju mid-dritt tiegħu li jikkummenta fuq id-dokumenti riferiti fl-Artikolu 15(1)?**
- 14.4. **Kemm hemm żmien sabiex il-pubbliku jikkummenta fuq l-applikazzjonijiet għall-permessi qabel ma l-awtorit kompetenti tasal għad-deċiżjoni tagħha?**
- 14.5. **Kif jikkunsidraw il-kummenti tal-pubbliku meta l-awtoritajiet ikunu qeħdin jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom?**
- 14.6. **F'liema ċirkosanzi jistgħu l-membri tal-pubbliku jiddepożitaw appell lil awtorit oħra jew f'qorti kontra permess?**
- 14.7. **X'influwenza kellhom ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva 90/313/KEE fuq l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċedura tal-permessi?**
15. **IL-KOOPERAZZJONI TRANS-FRONTIERI**
- 15.1. **Il-liġijiet nazzjonali jipprovdur għat-tagħrif u l-kooperazzjoni trans-fruntieri jew qiegħed is-suġġett jitħalla għar-relazzjoniet bilaterali jew multi-laterali bejn l-Istati Membri jew il-prattika amministrattiva?**
- 15.2. **Kif jiġi stabbilit fil-prattika jekk il-ħidma ta' stallazzjoni x'aktarx li jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor?**
- 15.3. **Kif il-leġislazzjoni nazzjonali u/jew il-prattika nazzjonali jiżguraw l-aċċess adegwat għat-tagħrif u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċedura tal-permessi fl-Istat Membru li x'aktarx jiġi affettwat? Hija din il-parteċipazzjoni ssupplimentata bid-dritt għal appell?**
16. **IR-RELAZZJONI MA' STRUMENTI OĦRA KOMUNITARJI**
- 16.1. **Kif jaraw l-Istati Membri l-effiċjenza tad-Direttiva, fost ħwejjeġ oħra fil-paragun ma' l-istrumenti ambjentali l-oħra Komunitarji?**
- 16.2. **X'miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat illi l-implimentazzjoni tad-Direttiva hija koerenti ma' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti l-oħra ambjentali Komunitarji?**
17. **OSSERVAZZJONIJET ĠENERALI**
- 17.1. **Jeżistu kwistjonijiet partikolari dwar l-implimentazzjoni li joħlqu tħassib f'pajjiżek? Jekk iva, jekk jogħġbok ispeċifika.**